17 ta' Mejju, 1951

Imħallef :

Il-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonio Zarb *versus* Giuseppa Cutajar

**Patria Potestà — Tfal — Dekadenza — Ipoteka Legali — Inventarju — Amministrazzjoni — Użufrutt Legali — Art. 2143 u 2144 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru illi l-missier li meta jormol, jew meta jerġa' jiżżewweġ, jonqos li jagħmel kontra tiegħu nnifsu l-inskrizzjoni ta' l-ipoteki legali favur it-tfal tiegħu minuri illi huma lilhom akkordati mill-liġi, u lanqas jagħmel l-inventarju tal-beni tagħhom, jitlef "ipso jure" d-drittijiet tiegħu tal-patrija potestà fuq dawk l-ulied; imma b'din id-dekadenza huwa ma jitlefx id-dritt li jkollu l-kustodja tat-tfal; huwa jitlef biss id-dritt li jinġerixxi ruħu fl-amministrazzjoni tal-beni tagħhom u li jikkonsegwixxi l-użufrutt li għalih huwa ntitolat skond il-liġi fuq dawk il-beni.*

*Biex il-missier jista' jiġi privat mid-dritt li jkollu li jżomm għandu 'l-uliedu, hemm bżonn il-konkors ta' ċirkustanzi gravi. Fil-każ preżenti ġie ritenut li ċirkustanzi tali ma kienux jirrikorru.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, wara li ppremetta illi l-konvenuta qegħda żżomm magħha bint l-attur, Dolores Zarb, li hija minuri, u illi l-attur illum jridha miegħu, u l-konvenuta qiegħda tostakola l-eżerċizzju ta' dana d-dritt leġittimu ta' l-attur, talab li l-konvenuta tkun kundannata tikkonsenja fi żmien qasir u perentorju lill-attur l-imsemmija bintu Dolores; u fin-nuqqas, l-attur ikun

awtorizzat bil-mezzi li tagħtih l-liġi jieħu taħt il-kura tiegħu f'daru l-imsemmija bintu, inattesa l-oppożizzjoni tal-konvenuta. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenuta hija *n-nanna* tal-minuri Dolores Żarb, billi tiġi omm ommha. Hija ma tikkontestax il-fatti kif miġjuba mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni; biss, hija tippretendi li l-attur ma jistax jieħu l-kustodja ta' bintu Dolores, għaliex (1) huwa ddekada mid-drittijiet tal-patria potestà fuqha, u (2) huwa wera ruħu nkapaċi li jieħu ħsieb tal-familja tiegħu;

**Ikkunsidrat;**

Illi huwa veru li ġie ppruvat illi l-attur, wara l-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu, bint il-konvenuta u omm il-minuri Dolores, reġa' żżewweġ. Tant fl-okkażjoni tal-mewt ta' martu, kemm f'dik ta' meta għadda għat-tieni żwieġ, l-attur naqas, sal-lum, li jagħmel l-inskrizzjoni ta' l-ipoteka legali mogħtija favur uliedu u msemmija fl-art. 2143 u 2144 tal-Kodiċi Ċivili, u lanqas għamel l-*inventarju* tal-beni ta' wliedu, u naqas li jieħu mill-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex jerġa' jottjeni d-drittijiet tal-patria potestà li għar-raġunijiet fuq imsemmija huwa tilef "ipso jure" fuq uliedu. Konsegwentement l-attur ma għandux bħal issa dawn id-drittijiet fuq l-imsemmijin uliedu — almenu fuq il-minuri Dolores. Imma b'din id-dekadenza l-attur ma tilefx id-dritt li jkollu l-kustodja ta' l-imsemmija bintu Dolores, imma tilef dak li jinġerixxi ruħu fl-amministrazzjoni tal-beni tagħha, u li jikkonsegwixxi l-użufrutt li għalih huwa intitolat skond il-liġi (Kollez. Vol. IV, 73);

Illi biex il-missier jista' jiġi privat mid-dritt li jkollu li jżomm għandu l-uliedu, hemm bżonn tal-konkors ta' ċirkustanzi gravi (Kollez. Vol. XIII, 389); liema ċirkustanzi ma ġewx addotti mill-konvenuta b'sodisfazzjon tal-Qorti;

Illi huwa l-każ li l-ispejjeż tal-kawża jiġu temperati;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u għall-finijiet tagħha tippreffiġġi lill-konvenuta ż-żmien ta' tnax-il ġurnata; u f'każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment, tirriżerva li tagħti l-provvedimenti meħtieġa, fuq talba ta' l-attur. L-ispejjeż

kollha tal-kawża, kompriżi dawk li ġew riżervati, jibqgħu bejn il-kontendenti bla taxxa. Salvi lill-konvenuta d-drittijiet li jikkompetu lilha biex tissorvelja fuq il-kondotta ta' l-attur lejn bintu, l-imsemmija Dolores Zarb.